11 ta' Novembru, 1955

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Filomena Farrugia *versus* Salvatore Farrugia

**Ċitazzjoni — Notifika — Nullità — Nota ta' l-Eċċezzjonijiet — Kontumaċja — Art. 186(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Jekk raġel u mara jogħodu fl-istess dar, u ċ-ċitazzjoni magħmula mill-mara kontra r-raġel tiġi notifikata lilu billi tiġi konsenjata kopja tagħha lill-istess martu fid-dar fejn jogħodu flimkien, u martu tkun urietu ċ-ċitazzjoni, dik in-notifika hija valida, avvolja martu ma tkunx qaltlu li dik kienet att ta' ċitazzjoni, imma tkun qaltlu biss li kienet waslitlu karta. Jekk hu ma jagħtix każ ta' dak l-att u jittraskura, meta kellu jirrealizza x'kellu jagħmel b'dak l-att, l-atteġġjament tiegħu hu kolpuż, u huwa ma għandux dritt jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu barra t-terminu, billi jallega n-nullità tan-notifika għax saret f'idejn martu.*

*Għax wieħed mil-modi kif tista' ssir in-notifika huwa dak li l-att jiġi mħolli f'idejn membru tal-familja tal-persuna li għandha tiġi notifikata u fil-lok fejn dik il-persuna togħod; u l-mara hija membru tal-familja ta' dik il-persuna. Xejn ma jfisser il-fatt illi l-kopja materjalment tkun tatha lir-raġel il-mara tiegħu li magħha*

*huwa jkun f'kawża; dina ċ-ċirkustanza ma tiswa xejn, ladarba fil-fatt iċ-ċitazzjoni tkun waslet f'idejh. U għalhekk il-kontumaċja tiegħu f'każ simili mhix ġustifikata.*

*Divers kien ikun il-każ kieku l-mara ħbiet iċ-ċitazzjoni u ma urietċ biha lill-żewġha.*

Il-Qorti — Rat id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina tat-30 ta' Ġunju, 1955, li biha, fuq ir-rikors preżentat mill-konvenut fil-25 ta' April, 1955, li bih talab li jiġi awtorizzat jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet, u ssottometta li n-notifika taċ-ċitazzjoni kienet nulla, irrespinġiet l-eċċezzjoni tan-nullità tan-notifika opposta mill-konvenut, u konsegwentement ċaħdet it-talba dedotta fir-rikors tal-25 ta' April fuq imsemmi, bl-ispejjeż ta' dana l-inċident kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi tnejn huma l-motivi li għalihom il-konvenut jippretendi li għandu jiġi ammess jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet :— (a) Għaliex huwa ma ndunax biċ-ċitazzjoni, billi n-notifika saret lill-martu, ċjoè lill-attriċi, u dina għaddietha lilu billi qaltlu "għandek karta"; (2) u għaliex din in-notifika qatt ma setgħet issir permezz tal-parti avversa fil-kawża;

Illi, rigward l-ewwel motiv, jirriżulta li l-kontendenti jogħodu fl-istess dar, u li meta saret in-notifika taċ-ċitazzjoni l-konvenut ma kienx jinsab hemm; l-attriċi ħadet iċ-ċitazzjoni u poġġietha fejn jista' jaraha; u meta dak inhar stess huwa rritorna d-dar, qaltlu li kien hemm karta għalieh, u wrietħielu. Il-konvenut ma messhiex u ħalliha hemm. Wara xi żmien (żgur aktar minn 15-il ġurnata kif hu jippretendi) iltaqa' b'kumbinazzjoni ma' l-avukat tiegħu, u dana nfurmah li l-attriċi kienet għamlitlu kawża; allura l-għada ħa ċ-ċitazzjoni lill-avukat, imma billi jidher kien tard wisq biex jiġu preżentati l-eċċezzjonijiet; u sar għalhekk ir-rikors in kwistjoni. Mir-riferita tal-marixxall jidher li n-notifika saret fil-5 ta' Frar, 1955, mentri l-kawża kellha ssir fil-31 ta' Marzu susegwenti, u r-rikors sar fil-25 ta' April; dan juri illi l-konvenut ma kienx preċiż meta fix-xhieda tiegħu afferma li ċ-ċitazzjoni taha lill-avukat tiegħu xi 15-il ġurnata wara li qaltlu biha martu. Ir-riżulta minnu stess illi hu kellu żewġ kawżi oħra ma' martu, u għalhekk kien imissu rrealizza x'kellu jagħmel anki fil-każ

preżenti. Evidentement hu ttraskura, u ppretenda li jikkontesta meta kien tard wisq. Dan l-atteġġjament tiegħu hu kolpuż, u ma jimmeritax il-protezzjoni tal-liġi. Xejn ma jiswa li l-attriċi ma qaltlux li dik il-karta kienet att ta' ċitazzjoni; hija ma kellha ebda dover tgħidlu; u konsegwentement dan l-ewwel *motiv* addott mill-konvenut mhux sostenibbli;

Illi, kwantu għat-tieni motiv, l-art. 186(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jiddisponi illi "*in-notifika* ssir bil-konsenja ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun notifikata, jew billi dik il-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja, jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna, fil-lok fejn toqgħod jew taħdem". Issa, irriżulta li l-att *taċ-ċitazzjoni ġie* kunsinnat lill-attriċi, li bħala mara tal-konvenut hija waħda mill-familja tiegħu, u fil-lok fejn il-konvenut toqgħod; u għalhekk l-eżiġenzi tal-liġi ġew soddisfatti. Kieku l-attriċi ħbiet iċ-ċitazzjoni u ma wrietx biha lill-żewġha, in-notifika ma kienetx tkun saret, għaliex kien jiġi nieqes l-iskop stess tan-notifika, li hu dak li ġġib lill-persuna li għandha tiġi notifikata għal-konjizzjoni ta' l-att intiż għaliha. Kien ikun hemm anki l-ingann ta' l-attriċi, li ċertament ma kienetx tkun tista' quddiem il-liġi tapprofitta mill-għemil ħażin tagħha stess (ara f'dan is-sens *Kollez. XXIII-I-396*). Iżda ebda waħda minn dawn iċ-ċirkustanzi ma ġiet pruvata;

*Rat il-petizzjoni ta'* l-appell tal-konvenut, li biha talab li tiġi revokata s-sentenza fuq imsemmija, billi jiġi deċiż u dikjarat illi n-notifika *hi* nulla, u tiġi milqugħa t-talba biex l-appellant jiġi awtorizzat jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet;

***Omissis;***

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta li ċ-ċitazzjoni ġiet notifikata billi ġiet imħollija kopja f'idejn *membru* tal-familja tal-konvenut; u dan hu regolari skond l-art. 186(1) Kap. 15;

Illi l-appellanti issottometta li n-notifika hi nulla, għax, *wara dik in*-notifika, il-kopja materjalment tagħthielu l-attriċi martu. Issa, din iċ-ċirkustanza ma tfisser xejn, la darba fil-fatt il-kopja waslet *f'idejn* il-konvenut (ara proviso ta' l-ewwel subartikolu ta' l-art. 186 ibidem);

Il-Qorti, għalhekk, tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut.